*17 ta' Awissu, 2010*

97/2010

**GĦELUQ IS-36 SENA MILL-MEWT TAL-QADDEJ TA' ALLA,**

**L-ISQOF EMANUEL GALEA**

Fis-36 anniversarju mill-mewt tal-Qaddej ta' Alla, l-Isqof Emanuel Galea, se ssir laqgħa ta' talb għall-glorifikazzjoni ta' din ir-Ruħ Qaddisa u ċelebrazzjoni ta' Quddiesa fil-post fejn instabu miżmuma bil-qima l-fdalijiet tal-istess Isqof, fl-istitut ta' Ġesu' Nażżarenu, iż-Żejtun nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Awissu, 2010.

Il-Qaddej ta' Alla twieled l-Isla fl-10 ta' Marzu, 1891 u ġie ordnat saċerdot fit-18 ta' Diċembru, 1915. Fl-eqqel tat-Tieni Gwerra dinjija, fil-5 ta' Lulju 1942 ġie ordnat Isqof f'ċelebrazzjoni sempliċi fil-Katidral tal-Imdina, kollu żarmat mit-tiżjin tiegħu ħabba l-gwerra.

Huwa sar id-Direttur tal-Istitut Ġesu' Nazzarenu fl-1933 u inħatar Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi malli ġie ordnat Isqof. Hu, baqa' jaqdi d-dmirijiet tiegħu sal-mewt li ġrat fil-21 ta' Awissu 1974. Il-fdalijiet tiegħu jinsabu miżmuma b'qima kbira fil-Kappella tal-Isitut. Ħafna qegħdin imorru jitolbu fuq il-qabar tiegħu u jirringrazzjaw lil Alla tal-grazzji li jkunu qalgħu bl-interċessjoni tiegħu.

Dawk kollha, saċerdoti u lajċi, li ħabbewh u rċevew kull għajnuna minn għandu f'ħajtu jew wara mewtu huma mistiedna biex jieħdu sehem ħalli b'ħerqa kbira għall-glorifikazzjoni tiegħu fuq din l-art.

*Mons. Alwiġ Deguara, Viċi Postulatur*